MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2010

Avviz Numru. 341/2009

**John Cordina ezercjenti l-kummerc bhala Cordina Outside Catering**

**Vs**

**Clint u Vanessa konjugi Chetcuti**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentat minn John Cordina fir-Registru ta' din il-Qorti, fejn talab li l-Qorti tikkundanna lill-konvenuti Clint u Vanessa konjugi Chetcuti jhallsu s-somma ta' sebat elef, hames mija w sebgha w tletin Ewro u erbgha w hamsin centezmu (€7537.54) dovuti minnhom lilu bhala prezz ta' servizzi ta' catering moghtija lilhom fuq talba taghhom stess waqt riceviment tat-tieg taghhom li sar f'Palazzo Promontorio nhar is-sebgha (7) ta' Gunju 2009.

L-ammont jirrizulta minn fattura datata 7 ta' Gunju 2009 (Dok. C1) li thejjiet skond il-kondizzjonijiet li qablu dwarhom il-partijiet fi ftehim (confirmation letter) tad-9 ta' Dicembru 2006 (Dok. C2) kif emendat (revised menu) nhar it-23 t'April, 2009 (Dok. C3).

Minkejja zewg ittri interpellatorji datati 15 t'Awissu, 2009 u 31 t'Awissu 2009 (Dok. C4 u C5) l-intimati baqghu inadempjenti. Huma qed isostnu illi l-livell ta' servizz moghti ma kienx accettabbli izda, kif ser jigi ppruvat, jekk, dato ma non concesso, kien hemm xi nuqqas dan huwa mputabbli lill-istess intimati stante illi ordnaw catering ghal erba' mitt ruh mentri ghar-riceviment attendew 'il fuq minn hames mija w hamsin (550) persuna.

Bl-ispejjez gudizzjarji u extra-gudizzjarji relattivi ghal din it-talba, inkluz l-ispejjez tal-ittri legali tal-15 u 31 t'Awissu, 2009, kif ukoll bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura sal-pagament effettiv, kontra l-intimati minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti konjugi Chetcuti pprezentata minnhom fit-tletin (30) ta' Novembru, 2009 fejn esponew bir-rispett:

"*Illi t-talbiet ta' l-attur huma nfondanti fil-fatt u fid-dritt;*

*Illi m'huwa dovut xejn mill-esponenti lill-attur, stante illi l-attur naqas milli jipprovdi s-servizz relattiv skond is-sengha w l-arti, u skond l-obbligi kuntrattwali u legali tieghu, u kagun ta' diversi nuqqasijiet serji da parti ta' l-attur, kienu l-esponenti li sofrew danni, kemm ta' natura materjali, kif ukoll ta' natura morali hekk kif l-okkazjoni tat-tieg taghhom giet imhassra ghal kollox;*

*Illi m'huwiex minnu dak li qed isostni l-attur fil-konfront ta' l-esponenti, u cioe' li n-nuqqasijiet ta' l-attur huma mputabbli lill-esponenti. Fil-fatt, kif ser jigi ppruvat, attendew ir-riceviment anqas minn erba' mitt ruh;*

*Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet migjuba hawn fuq, in ogni caso s-somma mitluba mill-attur hija eccessiva;*

*Ghal dawn il-motivi, l-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet ta' l-attur.*

*Bl-ispejjez kontra l-attur u b'riserva ta' kull azzjoni li l-esponenti jistghu jkollhom kontra l-istess attur ghad-danni subiti minnhom u ghall-hlas lura ta' kwalunkwe somma gja mhallsa lill-attur b'depositu."*

Rat illi nhar it-tnejn ta' Dicembru 2009, **l-attur** permezz ta' nota pprezenta sitt (6) affidavits (a fol. 15 et seq.), fosthom ta' Jair Cordina, iben John Cordina l-proprjetarju tan-negozju Caffe' Cordina. Huwa qal li parti mir-responsabilitajiet tieghu huma li jiehu hsieb l-*outside catering.* Ikkonferma li kien involut mill-bidu nett fl-ordni tat-tieg tal-konvenuti u kien prezenti flimkien ma' Grace Bonello waqt li l-konvenuti kienu qed jiddiskutu l-ghazla u l-kwantita' tal-ikel. Kienet prezenti wkoll omm l-gharusa, li jghid li kienet esigenti hafna, tant li sahansitra nsistiet li tiehu cake b'xejn. Qal li l-ordni ssir skond kemm il-klijenti jkunu jridu jonfqu w skond in-numru ta' mistednin. F'dan il-kaz il-konvenuti kienu nfurmawhom li kien se jkollhom erba' mitt mistieden. Spjega li l-procedura hi li meta jsir il-ftehim, Grace Bonello tipprepara dokument bil-lista tal-items ordnati, li jigi ffirmat mill-klijent (Dok. A). Sussegwentement dan id-dokument jghaddi f'idejn in-nies responsabbli mill-kcina, f'dan il-kaz Jesmond Borg u Sinclair Sammut, li jiffirmaw ghalih ukoll (Dok. B).

Spjega li dakinhar tat-tieg ix-xoghol jitghabba fil-van tal-kumpanija u x-xufier Eucharist Baldacchino jiccekkja li dak kollu ordnat jitghabba. Ix-xoghol jitwassal sas-sala, f'dan il-kaz Palazzo Promontorio fejn il-*best man* suppost li jiccekkja li kollox sew. Zied li f'dan il-kaz ma jafx jekk il-*best man* ghamilx hekk. Ix-xhud qal li normalment hu jattendi ghal dawn l-avvenimenti biex jara li kollox miexi sew, pero' dakinhar il-waiters infurmawh li kellhom problemi ghax kif johorgu b'xi tray tal-ikel kienu qed jigu 'assaltati' mill-mistednin u ma bdewx ilahhqu jdawwru l-

ikel ma' kulhadd. Allura hu mill-ewwel induna li ma kienx hemm bizzejjed ikel ghan-nies li kien hemm u anke li xi nies bdew jahtfu l-ikel. Biex jipprova jsolvi s-sitwazzjoni gab zewg waiters u chef, u sahansitra anke ikel, minn riceviment iehor. Jghid li dan ghamlu bla hlas u minn jeddu.

Izid li meta kellem lill-istaff tieghu qalulu li l-problema kienet li kien hemm aktar nies milli kien ordnat ikel. Qal li wara t-tieg il-best man ta 'tip' lill-istaff u rringrazzjahom tax-xoghol. Pero' mbaghad meta marru jilmentaw mieghu, b'mod specjali omm l-gharusa, iddecieda li jtihom skont biex l-istorja ma tikbirx u mhux ghax hass li kellu xi htija, imma bhala *good business practice*. Pero' omm l-gharusa ppretendiet li ma thallas xejn u meta ra hekk hu rtira l-offerta u ghadda l-kaz lill-avukat. Ikkonferma li dak kollu ordnat, twassal u tqassam waqt ir-riceviment.

Meta xehed viva voce fid-9 ta' Frar 2010 **Jair Cordina** kkonferma li kienet Grace Bonello, l-assistenta tieghu li hadet hsieb it-tieg ta' Clint u Vanessa Chetcuti u ddiskutiet maghhom in-numru ta' mistednin u x'tip ta' menu xtaqu. Cahad li l-ewwel darba li hu ltaqa' mal-konvenuti kien meta staqsewh ghal cake b'xejn, izda kien diga' ltaqa' maghhom qabel, fil-fatt meta kienu qeghdin jiddiskutu l-menu, ghalkemm zied li jista' jkun li l-konvenuti kienu tkellmu ma' xi dirigenti taghhom waqt l-*open day* f'Villa Overhills, B'Bugia. Zied li meta s-Sinjuri Chetcuti marru jhallsu d-deposit, fl-ufficcju taghhom, hu kien prezenti, u dan isir wara li jkun gie diskuss il-menu. Ikkonferma li waqt it-tieg ukoll kien prezenti u anke li kellu xi lmenti waqt it-tieg, pero' jghid li dan gara ghaliex kien hemm izjed nies milli kien hemm ikel ordnat, u sahansitra kien mar gab ikel, waiters u chefs zejda minn tieg iehor a spejjez tieghu. Cahad dak li lmentaw dwaru li ma kienx hemm bizzejjed inbid fil-wine bar u spjega li ikel mal-wine bar kien hemm ukoll, izda peress li kien hemm izjed nies milli kienu hasbu ghalihom, spicca malajr. Cahad ukoll li ma kienx hemm bizzejjed mgharef. Kompla li huwa ma kienx prezenti meta tqassmu t-'tips'.

Qal li wara t-tieg il-*best man* kien qallu li kollox kien mexa sew u li kien kuntent. Pero’ xi jumejn wara ltaqa’ mal-familja tal-konvenuti, anzi ltaqa’ ma’ xi tnax-il ruh. Cahad li hu qalilhom li kien dispjacut b’dak li sehh u li kieku seta’ kien jaghmel ‘rewind’ tat-tieg. Stqarr li meta qalilhom li kien lest li jaghmlilhom party iehor fejn jistiednu lil certu nies, dan ghamlu biex jipprova jirrimedja s-sitwazzjoni u biex jipprotegi isem il-kumpanija. Qal li bhalma jsir wara kull avveniment, laqqa’ l-management biex jiddiskutu x’mar hazin. Waqt li cahad li sejjah lil xi nies mit-tieqa u qalilhom biex jattendu ghal-laqgha, sostna li fil-fatt kienu l-konvenuti li ghamlu hekk, u dan barra n-nies li diga’ kien hemm. Insista li lanqas m’hu minnu li hareg bl-idea li kien hemm iktar minn erba’ mitt mistieden wara li kien hareg l-invoice, u zied li ghalkemm li hu mpossibbli li tghodd ezattament il-persuni prezenti waqt it-tieg, mill-esperjenza vasta li ghandu kien evidenti li kien hemm izjed nies minn daqshekk. Spjega li meta ssir ordni tmur ghand il-head waiter u dan jara kemm hemm bzonn ikel. Sostna li ghalkemm il-best man ghandu dritt iqabbel l-ikel mad-dokument, dan ma sarx. Cahad kategorikament li huma ma pprovdewx ikel daqs kemm ordnat u lanqas li l-ikel ma wasal fil-hin miftiehem,

In ri-ezami l-attur jghid li meta offra lill-konvenuti li jtihom skont ta’ xi ghaxra jew hmistax fil-mija, huma talbu li ma jhallsu xejn. Ikkonferma li meta l-konvenuti rritornaw mill-*honeymoon*, hu mar id-dar taghhom biex ikomplu jiddiskutu din il-pendenza, u hemmhekk hassu mhedded. Qal li mieghu kellu wkoll l-accountant.

Rat ukoll l-affidavit ta’ **Gejtu Mallia**, li kien head waiter fit-tieg tal-konjugi Chetcuti. Spjega li xogholu hu li jara li l-waiters ikunu qed jaghmlu xogholhom sew kif ukoll li l-ikel ikun qed johrog u jitqassam b’mod ugwali bejn l-invitati. Qal li ilu jaghmel dan ix-xoghol ghal diversi snin f’mijiet ta’ tigijiet. Spjega li f’dan il-kaz mill-ewwel innota li malli l-waiters kienu qed johorgu bit-trays, bdew jirritornaw b’idhom vojta malajr. Ghall-ewwel haseb li kien qed jigri bhal ma jigri f’certu tigijiet, li xi mistednin bdew jahtfu diversi porzjonijiet bla ma jhallu ghal haddiehor, u fil-fatt il-waiters ikkonfermawlu dan is-suspett, izda ghalkemm

wara bdew iservu l-ikel min-naha ta’ gewwa kif qalilhom hu, xorta ma kienx kuntent bis-sitwazzjoni. Qal li meta t-tieg kien *in full swing*, kien jidher ovvju li kien hemm iktar nies milli kienu avzati, ghaliex filwaqt li ikel kien hemm ghal erba’ mitt ruh, il-mistednin kienu jlahhqu l-hames mitt ruh. Infurmaw lis-Sur Jair Cordina li gab xi ikel u waiters ohra biex jipprova jtaffi s-sitwazzjoni. Temm billi qal li wara t-tieg mar il-best man u tahom ‘tip’ talli qdew l-inkarigu taghhom f’sitwazzjoni difficli.

Fis-sittax ta’ Marzu, 2010, **Gejtu Mallia** xehed viva voce fil-Qorti, w ikkonferma li hu kien il-head waiter fit-tieg tal-konjugi Chetcuti u li hu kien iltaqa’ mal-koppja, m’omm l-gharusa u mal-best man xi hmistax jew tliet gimghat qabel fis-sala stess u kien infurmahom lil kien se jkun hu l-head waiter. Ikkonferma wkoll li originarjament il-head waiter kellu jkun certu Vince, pero’ hu kien dahal minn floku. Spjega li l-iskop tal-laqgha kien biex jaraw fejn kellhom jintramaw l-imwejjed, u dan isir ma’ kull koppja. Qal ukoll li bhala procedura meta jkollhom tieg filghodu l-waiters imorru fil-post ghall-habta tad-disgha jew id-disgha w nofs u l-ikel jasal ghall-habta tal-ghaxra jew l-ghaxra neqsin kwart biex il-*best man* ikollu c-cans jiccekkja li kollox ikun skond l-ordni. Ftakar li kien hemm zewg best-men u li kien tkellem maghhom dwar xorb, u qal li fil-fatt dawn kienu offrewlhom it-tips, pero’ mbaghad tawhomlhom wara t-tieg. Ikkonferma li hu baqa’ hemm sal-ahhar.

Ikkonferma li dakinhar l-ikel kien wasal bejn l-ghaxra neqsin kwart u l-ghaxra. Qal li jaf li kien hemm xi ftehim dwar x’hin bejn wiehed u iehor kellu jinqasam il-kejk, pero’ ma jfitakarx li t-tieg kellu jispicca ghall-habta tas-sebgha. Ikkonferma li fit-tieg kellhom mejda tal-ghagin li wkoll kien hemm hin programmat meta kellha tinfetah, li jista’ jkun li kien ghal xi l-erbgha ta’ wara nofsinhar.

Ikkonferma wkoll li waqt it-tieg saru lmenti li ma kienx hemm bizzejjed ikel ghal kulhadd, specjalment minghand omm l-gharusa li baqghet tilmenta sal-ahhar, tant li jghid li bintha, l-gharusa, hin minnhom daret fuqha w qaltilha ‘Ma hassartli t-tieg’. Qal li t-tieg dam sejjer sa xi t-tmienja ta’

filghaxija u jista’ jkun li l-mejda tal-ghagin infethet ghal xi hamsa w nofs.

Zied li huwa minnu li kien hemm ilmenti li l-waiters ma kinux qed jilhqu jduru bl-ikel ma’ kulhadd, pero’ sostna li mill-esperjenza vasta tieghu dan kien ghax kien hemm hafna nies izjed milli kien hemm ikel ordnat. Stqarr li fil-fatt hu mar jghid lis-Sur Cordina b’dan li min-naha tieghu mar gab iktar waiters u iktar ikel, pero’ xorta ma bdewx ilahhqu mad-domanda li kien hemm. Sostna li skond hu, mad-daqqa t’ghajn, fit-tieg kien hemm mal-hames mitt ruh ghalkemm ikel kien hemm ghal erbgha mija. Zied li hu qatt ma qal li kollox kien sejjer sew, pero’ pprova jaghmel l-ahjar tieghu. Nonostante dan kollu, jghid li xorta wahda kien baqa’ xi ftit ikel fl-ahhar. Temm billi qal li dan ma kienx l-ewwel tieg li hadmu f’dan il-post, anzi jghid li matul l-istess sena kellhom xi hamsa w tletin tieg fl-istess post.

Rat ukoll l-affidavit ta’ **Jesmond Borg** fil-kapacita’ tieghu ta’ Head Chef responsabbli ghall-*outside catering events* ta’ Caffe Cordina. Qal li huwa kien involut kemm fil-preparamenti u kemm ghar-riceviment ta’dan it-tieg. Filwaqt li qal li ilu jaghmel dan it-tip ta’ xoghol ghal diversi snin, zied li l-istruzzjonijiet li nghatawlhom mill-ufficcju kienu li kellhom jippreparaw ikel ghal erba’ mitt persuna. Spjega li l-Erbgha ta’ qabel it-tieg kien mar ghandu z-ziju tal-gharusa, peress li kien jafu, u nsista biex johorguhom ta’ nies, u huma mhux talli assigurawh talli hu minn jeddu pprepara porzjonijiet tal-ikel zejda.

Qal li mill-esperjenza tieghu u mid-daqqa t’ghajn, kien jidher ovvju li kien hemm izjed minn erba’ mitt ruh, anzi jghid li n-nies kienu jlahhqu l-hames mija, u allura l-ikel ma bediex iservi u s-Sur Jair Cordina minn jeddu qabad u gab zewg waiters u chef iehor minn tieg iehor. Ikkonferma li dak kollu ordnat twassal u tqassam waqt it-tieg.

Gew prezentati ukoll l-affidavits ta’ **Claudio Sammut, Nicholas Zammit u Sinclair Sammut** u dawn ikkonfemaw is-suespost.

Fl-20 ta' Mejju, 2010 il-konvenuti pprezentaw nota b'erbatax-il affidavit.

Fl-affidavit taghha l-konvenuta **Vanessa Chetcuti** tghid li fis-sena 2006 hi u Clint, dak iz-zmien l-gharus taghha, kienu ffissaw id-data tat-tieg. Meta marru jibbukkjaw is-sala, Palazzo Promontorio, l-proprjetarja ssuggeritilhom lil Cordina Outside Catering ghall-ikel. Marru jiehdu stima w kellmu lil xi hadd li aktar tard saru jafu li ma baqax jahdem hemm. Urewhom tliet set menus, u huma ghazlu dak li dehrilhom l-iktar addattat ghal tieg filghodu, li kien l-oghla menu w l-iktar li kien fih items. Qalet li zewgha kien qal lil din il-persuna li xtaq mejda Maltija, pero' din kienet qaltilhom li kien se jkollhom ikel bizzejjed ghal erba' mitt persuna w allura l-mejda kienet tkun zejda, pero' huma xorta talbuha stima taghha. Din qaltilhom li l-weekend ta' wara kien se jkollhom tieg fl-istess sala, u stednithom biex imorru jaraw kif jimxi x-xoghol u fl-istess hin jiltaqghu mal-head waiter Vince. Huma ghamlu hekk, u dan Vince anke dewwaqhom xi ikel, sussegwentement harget l-istima u huma poggew deposit ta' hames mitt Lira (Lm500).

Qalet li f'Marzu 2008 Cordina Catering kienu stednuhom ghal open day li saret go Villa Overhills, Birzebbugia, fejn marru bit-tir li jkellmu lil din il-persuna. Pero' gew infurmati li din ma kinitx ghadha mpjegata ma' Cordina w minflok iltaqghu ma' Grace Bonello li qaltilhom li xi xahar u nofs qabel it-tieg kellhom jibaghtu ghalihom ghax kien hemm xi tibdil fil-menus u fil-kok. Fil-fatt ftakret li kienu marru hi u Clint, il-genituri taghha w omm Clint, u waqt il-laqgha Grace kienet issugeritilhom xi tibdil, pero' dejjem ghal erba mitt persuna, ftehmu fuq iz-zlazi tal-ghagin u li xtaqu jittestjaw l-ikel. Qalet li Grace Bonello wkoll ma tathomx parir li jaghmlu mejda Maltija ghaliex inkella kien se jkollhom il-hela u t-tieg jitwal hafna, w minflok issuggeritilhom li jaghmlu mejda tal-inbid b'xi ftit ikel malti u gobnijiet, u huma qaghdu fuq dan il-parir taghha. Tghid li l-ghada ta' din il-laqgha hi regghet marret biex taghzel il-fjuri ghat-tizjin tal-kejk u ordnat zewg kejkijiet tal-birthday, u din id-darba wkoll Grace regghet zguratha li kellhom ikel bizzejjed.

Iktar tard marru biex jiltaqghu mal-head waiter fis-sala fejn kienu wkoll prezenti l-ġenituri taghha u z-zewg bestmen u hemmhekk barra lil Vince sabu ragel iehor, certu Gejtu li saru jafu li kien se jkun il-head waiter minflok Vince. Dakinhar kienu ftehmu fejn kellhom ikunu l-bars u l-mejda tal-kejk. Vince kien issuggerixxa li jzidu zewg waiters peress li kellhom hafna ikel, tant hu hekk li qalilhom li kellu johrog item kull ghaxar minuti, u li l-ahjar hin ghall-mejda tal-ghagin kien ghal xi l-erbgha ta' wara nofsinhar, biex it-tieg kemm jista' jkun ma jdumx iktar mis-sebgha ta' filghaxija. Dwar dan kollu ffirmaw hi u Clint u Gejtu. Tghid li hawnhekk kienet l-ewwel darba li dahal dan Gejtu fl-istorja ghax s'issa kien ghadu ma tkellimx, tant li tahom l-impressjoni li ma tantx jifhem. L-ghada cemplet lil Grace biex tispjegalha ghaliex kien inbidel il-head waiter u din qaltilha li Vince kellu "xi haga tal-familja", u sostniet li ghalkemm haditha daqsxejn maghha, fl-ahhar kellha taccetta ghax ma setghet taghmel xejn.

Kompliet tispjega kif lejlet it-tieg cemplet lil kull min kien involut fit-tieg fosthom lil ta' Cordina, u din Grace qaltilha "…kollox tajjeb ghandkom. Mur u hudu gost", w allura serrhitilha rasha.

Dakinhar tat-tieg tghid li x'hin waslu s-sala ma sabu l-ebda waiter biex jilqaghhom bil-welcome drink. Tghid li waqt li kienu qed iduru man-nies bdew jindunaw li m'huma jaraw l-ebda waiter u meta saqsiet lil xi hbieb taghha mistednin, dawn harbulha mit-twegiba w hi ndunat li kien hemm xi haga sejra hazin. Tghid li mal-wine bar lanqas ma kien hemm ikel, u mbaghad bidet tisma' lin-nies igergru li m'huma jieklu xejn. X'hin saru l-erbgha tispjega li l-bestmen bdew jigru wara Gejtu biex tinfetah il-mejda tal-ghagin u f'dak il-hin raw lil ommha titkellem ma' Jair Cordina u ma' Gejtu w bdiet tghidilhom li sahansitra kellha tmur il-mara ta' huha fil-kcina biex tara x'inhu jigri ghax il-head waiter ma kienx qed jaghti kaz taghha. Tghid li hi u Clint ukoll talbu lil Gejtu biex tinfetah il-medja tal-ghagin, ghax l-ikel kien wieqaf, pero' din infethet xil-hamsa w nofs, siegha w nofs wara l-hin miftiehem, pero' sadanittant

kienu ga bdew jitilqu n-nies ghax iddejqu jixorbu fuq stonku vojt.

Tghid li huma veru hssewhom dispjacuti w disappuntati ghaliex l-isbah gurnata ta' hajjithom sfat rovinata, u nsistiet li l-ikel kien l-aktar haga li kellhom mohhhom mistrieh dwarha, ghax sal-ahhar baqghu jghidulhom li kellhom kollox sew.

Kompliet li meta nfethet il-medja tal-ghagin, kien hemm kju kbir, u raw li dak il-hin beda hiereg l-ikel li suppost kellu johrog ferm qabel. Tghid li juri nuqqas t'ordni mill-waiters u mill-head waiter. X'hin wasal il-hin tal-gelat, gara l-istess, min ha w min le, pero' meta ommha marret tilmenta dwar dan mal-head waiter, dan cahad u qalilha li "kulhadd qed jiehu w ix-xoghol sew qed jitqassam". L-istess gara meta nfethet ic-chocolate fountain, u frott ukoll ma kienx hemm bizzejjed.

Sostniet li meta wasal il-hin biex jinqasam il-cake, lanqas kien hemm waiter wiehed mal-mejda, u x-xampanja ma kinitx lesta fuq il-mejda ghal dak il-hin. Taf li kien hemm min saqsa lill-waiters ghall-gelat u dan qalilhom li kien spicca, meta fil-fatt wara gelat kien fadal u anke hadu maghhom id-dar. Tghid li lil Clint, cioe' l-gharus, kien hemm waitress li tant kienet arroganti li qaltu li l-kejl "jekk ried iqassmu hu ghax huma daqshekk ha jqassmu" w fil-fatt il-kejl spiccaw iqassmuh il-mara ta' huha u oht Clint. Stqarret li telqu mit-tieg imbikkmin.

Tispjega li l-ghada marru ghand ommha w sabuha tibki minhabba dak li kien gara. Cemplet lil Grace u din qaltilha li ahjar imorru jkellmu lil Jair. Cemplet ukoll lill-propjetarja tas-sala li kkonfermatilha li semghet x'kien gralhom minghand xi mistednin stess u offriet li tkellmilhom lil Jair hi stess. Aktar tard marru l-ufficcju ta' Cordina hi u Clint, il-genituri taghha w omm Clint u wiehed mill-bestment, u hemm sabu lil Jair u persuna ohra li qatt ma kienu rawha qabel, certu Karistu. Tghid li hi qaltilhom li kienu rrovinawlha t-tieg ghax halltu l-ordni taghhom ma' ta' haddiehor. Riedet spjegazzjoni ta' kif waqaf kollox ghal xi siegha w nofs, pero' dawn m'gharfux iwegbuha. Staqsiet

ukoll ghaliex zijuha Francis, il-best man l-iehor, kien nizel fil-kcina w sema’ waiter jghid “mitejn kuccarina biss tellajtu”, u ghal dan Jair stqarr li kien veru pero’ hu mar gab izjed minn tieg iehor.

Tghid li dak il-hin mit-tieqa tal-ufficcju rat tnejn mill-mistednin ghaddejjn fi Triq ir-Repubblika, cemplulhom, dawn gew u kkonfermaw dak kollu li kienu qed jghidu huma dwar in-nuqqas t’ikel, tant li t-tfajla quddiem Jair stess stqarret li lanqas kienet rat gelat fit-tieg.

Sostniet li Jair kien qalilhom li kienu se jkeccu lill-head waiter u lil kull min hadem fit-tieg taghhom, pero’ hi qaltlu li huma ma marrux hemm biex jitkeccew il-haddiema imma biex jaraw tassew x’kien gara. Sostniet ukoll li Jair qalilhom li kieku seta’ kien jerga’ jlibbisha tat-tieg u jaghmlilhom tieg iehor, u sahansitra offra li jaghmlilhom party, pero’ hi wiegbet li t-tieg darba biss jigi. Tghid li Jair kwazi mbikkem qalilha “xi haga nirrangaw zgur”. Dak il-hin tela’ l-kok hdejhom li stqarr li kien sema’ lil min jghid li qatt ma kien mar tieg aghar minn taghhom u x’hin nizlu isfel offrielhom x’jieklu.

Qalet ukoll li qabel ma telqu Jair rega’ serrhilhom rashom li xi haga kienu se jirrangaw zgur, u lilha w lil Clint qalilhom “forget your wedding, go enjoy your honeymoon and we will talk later”.

Lura mill-honeymoon sabu li ta’ Cordina kienu baghtulhom il-kont ghalkemm kienu ftehmu li se jergghu jitkellmu, u meta kellmet lil Jair dan qalilha li tal-accounts kienu qed jigru warajh u ried li jiltaqghu dik il-gimgha stess ghax kien se jsiefer. Iltaqghu il-Hadd ta’ wara ghand il-genituri taghha, fejn kienu prezenti hi u Clint, il-genituri taghha, omm Clint u ohtu, il-best men, Jair, Karistu u l-accountant. Tghid li dawn riedu jfittxu jehilsu w meta zijuha rega’ semma dwar il-kuccarini Jair qallu “Allura mhux kulhadd jiehu zball. Ma jihux zbalji min ma jaghmel xejn”.

Tikkonferma li ta’ Cordina offrew li jnaqqsu l-prezz b’circa elf u hames mitt Ewro (€1500), cioe’ minflok tmint elef sebgha mija u zewg Ewro u tlieta w ghoxrin centezmu

(€8702.23), kellhom ihallsu sebat elef u mitejn Ewro (€7200) inkluz il-VAT, kif jidher mill-kont iffirmat dak il-hin stess mill-accountant, u li hi esebiet bhala Dok. VC1. Ftehmu li huma kellhom ituhom risposta gimgha wara, pero' wrewhom li ma kinux kuntenti b'din l-offerta. Tghid li Jair qalilhom li kien qataghlhom elf u hames mitt Ewro (€1500) tas-servizz ghax dak kien hazin, u li issa kien kollox f'idejn l-accountant, li qatt ma kien prezenti qabel. Ikkummentat li meta ta' Cordina gew biex jitilqu, hi u ommha hargu jwassluhom u l-accountant qalilha "Vanessa t-tieg jghaddi, l-aqwa li ssibu xorti flimkien". Ghaddiet kumment iehor fis-sens li wara xi zmien kienu mistednin ghal tieg iehor fl-istess post, u bl-istess Caterers, u lil Gejtu li fit-tieg taghhom kien head waiter, rawh jahdem ta' barman u jgorr is-silg.

Sussegwentement kellmu lill-avukat taghhom u anke cemplu lill-accountant ta' Cordina fejn infurmawh li huma kienu qed jippretendu li m'ghandhom ihallsu xejn izjed u kulhadd jibqa' b'li ha, u dan qataghlhom il-linja.

Fit-28 ta' Lulju, 2009 huma baghtu ittra bl-avukat (Dok,. VC2) fis-sens li ma kinux lesti li jhallsu l-kont, u sussegwentement ircevew risposta fis-sens li hu ried il-hlas shih (anke l-ammont ta' €1500 li kien qatghalhom) ghaliex it-tort kien taghhom ghax kellhom 'il fuq minn hames mija w hamsin ruh mistednin, haga li qatt ma kienet issemmiet qabel. Tghid li mil-lista tal-mistednin li huma kien ghamlu jidher li prezenti ghat-tieg ma kienx hemm aktar minn tliet mija w sittin ruh. Din il-lista giet esebita bhala Dok. VC3. Esebiet ukoll l-ircevuti tax-xorb li juru li xorb ukoll kien ordnat ghal erba' mitt persuna li kien baqa' hafna zejjed. Dawn gew immarkati bhala Dok. VC4.

Fl-ahhar qalet li fl-opinjoni taghha t-tieg taghhom thallat ma' tieg izghar. Qalet ukoll li l-ebda kumpens m'hu se jsewwi l-affarijiet u huma mhux qed jaghmlu dan biex japprofittaw ruhhom, ghax huma xtaqu li jkollhom tieg sew u kienu lesti li jhallsu ghall-ikel, bhalma hallsu ghall-affarijiet l-ohra kollha tat-tieg.

Meta xehdet viva voce fit-tletin ta' Settembru, 2010 **Vanessa Chetcuti** qalet li hija dejjem kienet prezenti ghal kull laqgha li nzammet ghat-tieg taghha, u kkonfermat li kienu qablu dwar l-ghazla ta' l-ikel u li kellhom zewg bestmen ghalkemm ma tafx kif dawn qassmu x-xoghol bejniethom. Tghid li waslu s-sala ghas-saghtejn jew is-saghtejn u kwart ta' wara nofsinhar. Tghid li taf min kien prezenti fit-tieg ghax huma kollha hbieb u familjari. Tghid ukoll li l-atmosfera waqt il-laqgha li kellhom l-ghada tat-tieg, kienet wahda tajba u li s-Sur Cordina kien issuggerielhom li jibqghu hemm u tahom xi ikel bhal *wraps* u *baguette*.

Rat li fl-ghoxrin ta' Mejju, 2010 gie pprezentat ukoll l-affidavit tal-konvenut **Clint Chetcuti** li filwaqt li kkonferma dak kollu li qalet martu fl-affidavit taghha, ghamel enfasi fuq is-servizz hazin li nghataw min-naha tal-istaff ta' Cordina Outside Catering fejn fost l-ohrajn semma li "l-barman beda jghid lin-nies biex jaqbdu u jfergghu ix-xorb huma". Insista li waqt il-laqgha li kellhom l'ghada tat-tieg ma' Jair Cordina, dan tahom ir-ragun kollu u zgurahom li kienu se jirrangaw zgur "anke jekk naghmlu party iehor ghall-mistednin". Isemmi kif f'laqgha ohra li kellhom fid-dar t'omm l-gharusa, Jair Cordina kien offra li jnaqqsilhom il-prezz b'xi elf u hames mitt Ewro ghax skond hu s-servizz kien hazin u mhux l-ikel, u zied li minn dakinhar 'il quddiem kellu jitkellem mal-accountant ghax mieghu kellhom jirrangaw. Jghid li din il-haga m'ghogbitux ghaliex huma qatt ma kienu ltaqghu mal-accountant qabel. Kompla li sussegwentement, wara li kellmu avukat, huma rrifjutaw l-offerta tas-Sur Cordina ghaliex din ma kinitx valida, u nfurmawh li huma kienu qed jippretendu li kulhadd jibqa' b'li ha, cioe' ta' Cordina jibqghu bid-depozitu filwaqt li huma jibqghu b'tieg rovinat ghal dejjem, pero' dan qataghlu l-linja. Sussegwentement kienu baghtulu ittra bl-avukat bid-data tat-28 ta' Lulju, 2009 f'dan is-sens , filwaqt li hu rrisponda li issar ried il-flus kollha, anke dak l-ammont li kien qataghlhom qabel, ghaliex fit-tieg kien hemm iktar minn hames mija w hamsin ruh. Esebixxa lista tal-mistednin tat-tieg, li giet immarkata bhala CC3 u spjega kif waslu ghall-ammont ta' tliet mija w sittin ruh bhala l-ammont ta' nies li effettivament kienu

prezenti waqt it-tieg. Esebixxa wkoll ir-ricevuti tax-xorb (CC1) biex juri kemm kien fadal 'returns'. Temm billi qal li ta' Cordina qed jammettu li s-servizz kien hazin, pero' qed iwahhlu fl-ammont ta' nies li kien hemm, haga li sostna li hi kompletament bla bazi.

Viva voce fit-tletin ta' Settembru, 2010 **il-konvenut** ikkonferma li huwa kien ikun prezenti waqt il-laqghat li nzammu ghand Cordina qabel it-tieg, u li huma kienu ghazlu l-oghla menu w kienu kuntenti bih. Kienu xtaqu mejda Maltija wkoll, pero' kien gie ssuggerit lilhom li minflokha jaghmlu wine bar biex ma jtawwlux it-tieg, u huma accettaw. Jghid li ghalkemm il-lista kienet ghal erba' mija w sebghin ruh, kienu jafu li xi nies mhux se jattendu. Zied li xi xahar qabel it-tieg kien cempel lil Grace ta' Cordina biex jghidilha li kellhom xi hamsa w ghoxrin ruh izjed, pero' din xorta kienet qaltlu li ma kienx hemm bzonn li jzidu l-ikel ghax kienu se jahsbu huma, u li anke kienu se jahsbu ghall-waiters. Jghid li dwar waiters kienu ftehmu li kellu jkun hemm erbgha w ghoxrin, pero' dakinhar ma qaghadx jghoddhom. Qal li barra l-laqgha li saret l-ghada tat-tieg ghand Cordina, kienet saret laqgha ohra ghand omm il-mara tieghu, liema laqgha waqfet hesrem izda b'mod normali wara li ta' Cordina offrewlhom skont ta' elf u hames mitt Ewro . Huma dehrilhom li ma kellhomx jaccettaw din l-offerta, peress li hassu li t-tieg kollu kien rovinat. Jghid li l-kwistjoni ta' l-erba' mitt ruh qamet meta rcevew il-karti tal-Qorti.

Il-Qorti rat ukoll l-affidavit ta' **Jane Scicluna**, omm l-gharusa, li stqarret li kienet involuta mill-bidu nett fl-ghazla tal-catering. Sostniet li huma kemm-il darba kienu staqsew lir-rapprezentanta ta' Cordina jekk kellhomx ikel bizzejjed, u din dejjem zgurathom li kien se jibqaghlhom hafna zejjed peress li kienu ghazlu l-oghla menu, u dan anke lejlet it-tieg, anzi din kienet hassritilhom li jaghmlu mejda Maltija w minflok issuggeritilhom li jsiru platters mal-wine bar. Semmiet kif waqt laqgha li kellhom mal-head waiter fis-sala stess, kienu gew infurmati li l-head waiter kien inbidel, u li l-head waiter il-gdid, Gejtu, ma tantx kien ispiralhom fiducja. Spjegat kif waqt it-tieg ikel beda johrog ftit u rari, tant li n-nies bdew igergru, izda

meta marret kellmet lil Gejtu, u dan ghamlitu bosta drabi, dan ma tax kaz taghha, u qalilha li kollox kien miexi sew. Qalet ukoll li l-waiters kienu arroganti hafna maghhom u anke mal-mistednin. Tghid ukoll li sahansitra n-nies anke ma' sid is-sala marru jilmentaw.

Kompliet li l-ghada tat-tieg marru ghand ta' Cordina, u meta bdew jitkellmu dwar dak li kien gara, Jair Cordina kien qalilhom li kien se jkecci lill-haddiema, pero' huma mhux hekk riedu. Issemmi kif certu Karistu, mpjegat ta' Cordina, b'referenza ghal Jair Cordina qalilhom "arawh lanqas jiflah jitkellem ghax ghandkom ragun", u f'laqgha ohra li kellhom fid-dar taghha l-accountant ta' Cordina lil bintha qalilha "Vanessa, t-tieg jghaddi u jintesa, j'Alla ssib xorti ma' Clint".

Tghid li Cordina qabdu maghha kienu n-numru ta' nies fit-tieg, pero' hi ssostni li ma kienx hemm aktar minn tliet mija w tmenin ruh.

Ghalkemm tammetti li l-ebda kumpens m'hux se jirranga s-sitwazzjoni, lanqas ma taqbel li ghandhom ihallsu tat-tieg, meta dan kien rovinat htija tal-Caterers, meta flok ma l-gharajjes u l-familji taghhom hadu gost waqt it-tieg, kellhom joqoghdu ghassa ta' kif sejrin l-affarijiet u jisimghu it-tgergir tan-nies.

In kontro-ezami fil-hamsa ta' Lulju, 2010 **Jane Scicluna** tghid li ltaqghet mas-Sur Cordina xi xahar u nofs qabel it-tieg u tkellmet mieghu biss dwar il-kwistjoni tal-kejkijiet tal-bestmen, fis-sens li xtaqet li jtuhomlha b'xejn meta tikkunsidra l-flus li kienet se tonfoq. Pero' mbaghad accettat li jtuha wiehed biss b'xejn. Sostniet li Jair Cordina kien ukoll prezenti meta tat il-lista tal-mistednin lil Grace u tghid li ghalkemm kienet qaltlu li se jkollhom erba' mitt ruh, fil-fatt kien hemm inqas nies prezenti. Cahdet li stiednu hames mitt ruh, u sostniet li ntbaghtu nviti lil xi nies li kienu jafu li mhux se jattendu. Ikkonfermat li dakinhar tat-tieg kienet qalet lis-Sur Cordina li ma kinux kuntenti bil-mod kif kienu mexjin l-affarijiet u anke li kienu qed jilmentaw mal-head waiter. Pero' ziedet li hi qatt ma maqdret l-ikel, gergret biss dwar is-servizz. Inoltre

kkonfermat li l-ghada tat-tieg marru jkellmu lil Cordina. Insistiet li b'kollox gew inqas minn erba' mitt ruh.

Mal-istess nota tal-ghoxrin ta' Mejju 2010, gie pprezentat ukoll l-affidavit ta' **Francis Bonello**, li kien wiehed mill-head waiters fit-tieg in kwistjoni. Huwa jghid li kien prezenti ghal-laqgha li kienet saret qabel it-tieg fis-sala stess mal-head waiter, fejn kienu saru jafu bil-bdil fil-head waiter. Dakinhar ukoll huma kienu gew zgurati li kien hemm hafna ikel u li l-waiters kellhom johorgu bih kull ghaxar minuti u b'hekk it-tieg kellu jdum sa xi s-sebgha ta' filghaxija. Ftehmu wkoll li l-mejda tal-ghagin kellha tiftah fl-erbgha ta' wara nofsinhar, fuq suggeriment tal-head waiters stess. Dawn qalulu biex dwar l-ikel iserrah rasu w jiehu hsieb ix-xorb.

Jghid li f'jum it-tieg, qabel ir-riceviment, hu kien mar is-sala biex jara li kollox kien sew u meta nizel fil-kcina kien gie assigurat li kollox kien miexi tajjeb. Kien ukoll iffirma karta li tikkonferma l-prezenza tal-waiters, u fil-fatt semma li kien fadal tasal wahda. Stqarr li sakemm kien telaq ghall-quddiesa f'xi l-ghaxra w nofs, l-ikel kien ghadu ma wasalx, izda ma tantx kien inkwieta ghax il-quddiesa kellha ssir f'nofsinhar. Qabel ma telaq halla t-tips ghal kull waiter f'envelopes separate. Jghid li waqt it-tieg minn hin ghall-iehor kien jinzel fil-kcina biex jghid lil head waiter johrog l-ikel, u dan kien il-hin kollu jghidlu 'orrajt, orrajt, ix-xoghol miexi tajjeb', izda nonostante dan l-ikel ghamel hin wieqaf u ma bediex jitqassam, u jzid li "Barra minn hekk il-waiters li kienu johorgu b'xi items dehru jimxu b'mod disorganizzat u ma bdewx imorru f'kull post tas-sala".

Iddeskriva kif hin minnhom fil-kcina sema' kok u iehor jargumentaw u jirrabjaw li kuccarini mitejn biss kien hemm, u jaf li mbaghad Jair Cordina mar gab izjed minn x'imkien iehor. Jghid li din il-bicca ikkonfermaha Jair Cordina nnifsu meta waqt il-laqgha kien qalilhom li 'min ma jaghmel xejn ma jihux zball'. Ikkonferma li kien hemm diversi mistednin li waqt it-tieg marru jilmentaw mieghu li ma kienx qed jilhaqhom ikel. Ikompli li ghalkemm fil-laqgha li kellhom qabel it-tieg kienu ftehmu li l-mejda tal-ghagin kellha tinfetah fl-erbgha ta' wara nofsinhar, din fil-

fatt infethet fil-hamsa w nofs, wara hafna nsistenza ta' kulhadd. Qal li ghandu lista tal-mistednin, u kkonferma li prezenti ghat-tieg ma kienx hemm aktar minn tliet mija w tmenin ruh. Qal li rigward xorb, kien hemm hafna zejjed.

Fl-ahharnett jghid li wara t-tieg kien mar ikellem lil Chef di Pastier, u dan kien dar fuq ix-xufier ta' Cordina w qallu "dan iz-ziju ta' l-gharusa w gie biex ikun jaf x'gara' u dak il-hin l-iehor qallu "mhux diga' qallu s-sinjur (Jair) li ha jirrangalhom!" Qal ukoll li fil-laqgha li kellhom wara t-tieg is-Sur Cordina ammetta l-izball u ried itihom skont bhala kumpens, izda li skond huma ma kienx xieraq.

In kontro-ezami nhar it-tlettax t'Ottubru, 2010 ikkonferma li xi jumejn qabel it-tieg kien mar ghand ta' Cordina li qalulu biex bhala best man hu jiehu hsieb ix-xorb ghax l-ikel kienu se jiehdu hsiebu huma. Ikkonferma dak li kien qal, cioe' li meta dakinhar tat-tieg telaq mis-sala ghall-knisja, l-ikel kien ghadu ma wasalx, pero' meta kellem lill-head waiter dan assigurah li kollox kien sew. Isemmi li waqt it-tieg kien nizel fil-kcina biex jara x'qed jigri, pero' ma kienx ikellem lil xi hadd partikolari. Ma ftakarx li xi waiter kien qallu li meta kienu qed johorgu bl-ikel, in-nies kienu qed jahtfuhom. Jghid li t-tips kien tahom lil head waiter qabel mar ghall-quddiesa biex iqassahom hu lill-waiters, u li wara t-tieg ma talabhomlhomx lura. Ftakar li meta telaq mis-sala kien jonqos jasal waiter.

**Kevin Camilleri,** best man iehor, ukoll ta x-xhieda tieghu permezz t'affidvit prezentat fl-ghoxrin ta' Mejju, 2010. Dan jghid li fil-bidu ta' Mejju 2009, Clint Chetcuti kien talbu jkun prezenti ghal-laqgha li kellha tinzamm fis-sala fejn kellu jsir it-tieg, mal-head waiter. Ikkonferma li hemmhekk saru jafu li l-head waiter ma kienx se jkun Vince, izda Gejtu, u hawnhekk l-gharajjes urew ruhom disappuntati, pero' gew assigurati li dan Gejtu kellu l-kapacitajiet kollha necessarji biex iservi ta' head waiter. Jiftakar li l-gharajjes kienu saqsew lil Vince jekk fil-fehma tieghu kellhomx ikel u staff bizzejjed, u wrewh il-menu w l-informazzjoni li kienu nghataw mir-rapprezentanta ta' Cordina. Hawnhekk dan mill-ewwel kien qalilhom li kien ikun ahjar jekk izidu zewg waiters ohra, kif fil-fatt sehh, pero' bhala ikel kien qalilhom

li kellhom bizzejjed biex johorgu b'xi haga differenti kull ghaxar minuti. Jghid li dakinhar ftehmu wkoll li l-mejda tal-ghagin kellha tinfetah ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar biex b'hekk it-tieg jispicca ghal xi s-sebgha. Jghid li Gejtu waqt il-laqgha ma kienx tkellem, izda kien ha xi noti.

Qal li dakinhar tat-tieg, hu w il-head waiter l-iehor, Francis Bonello, kienu ltaqghu fis-sala ghal xi t-tmienja ta' filghodu w telqu ghal xi l-ghaxra w kwart, pero' sa dak il-hin ma kienx wasal l-ebda ikel. Jghid li huma kien ftehmu li waqt it-tieg Francis izomm ic-cwievet tal-istore tax-xorb filwaqt li hu jzomm ic-cwievet tal-kamra tal-gharajjes, allura Francis kellu joqghod qrib il-bars u hu jdur mal-gharajjes. Jghid li ghat-tlieta w nofs, kienu ghadhom qed jiehdu r-ritratti, w marru xi mistednin fuqu jgergru li l-waiters ma kinux qed iqassmu ikel u l-istess rega' gara xi ghaxar minuti wara. Allura mar sab lil head waiter u jghid li dan "b'ton ftit mifxul" qallu li kollox kien sew. Jghid li xi l-erbgha rega' sema' t-tgergir minghand in-nies u ssuggerixxa lil Gejtu biex jifthu l-mejda tal-ghagin, pero' dan rega' serrahlu rasu li kollox kien miexi sew. Ikompli jghid li din is-sitwazzjoni damet sejra, w kemm hu, kemm l-gharajjes, kif ukoll omm l-gharusa kien nkwetati, pero' meta rinfaccjat b'dan il-head waiter qallu li "Kif qed nohorgu b'xi haga tal-ikel, qed jaqbzu fuqna".

Jghid li f'xil-hamsa ta' wara nofsinhar Gejtu ntroducieh ma' Jair Cordina li b'ton aggressiv qallu li m'ghandux ghalfejn igerger dwar l-ikel ghax dan zgur kien tal-aqwa kwalita'. Ix-xhud jghid li wiegbu li huma ma kinux qed jilmentaw dwar il-kwalita' tal-ikel, izda dwar il-kwalita' tas-servizz, hu hawn is-Sur Cordina avzah li kien gab tliet waiters minn x'imkien iehor. Ix-xhud qal li nonostante l-ftehim precedenti, l-medja tal-ghagin infethet fis-sitta neqsin ghoxrin u hawn innota li dak il-hin bejn sitta w tmien waiters kienu qed iqassmu l-ikel is-shun li suppost kien tqassam qabel.

Wara li telqu l-gharajjes, hu w Francis ftehmu li Francis jiehu hsieb jghodd ix-xorb, filwaqt li hu jqassam l-ikel li kien fadal. Hawn sab biss ammont ta' boroz ta' ikel ciniz

frizat, bicciet mill-kejk, xi erba’ containers gelat, u ftit oggetti ohra, filwaqt li bhala xorb kien fadal kwazi n-nofs.

Jghid li l-ghada mar mal-gharajjes u l-genituri taghhom ikellmu lil ta’ Cordina u hemm iltaqghu ma’ certu Karistu, li qal li hu l-persuna responsabbli li l-ikel li jitlaq ikun skond l-ordni. Sostna li waqt il-laqgha Jair Cordina offra li jaghmlilhom party iehor ghal dawk il-mistednin li gergru. Jghid ukoll li Clint kien sostna li l-ikel servut ma kienx jammonta ghal dak li kien ordnat. Ix-xhud jghid li hu ma kienx qaghad jikkontja l-ikel ghax kien konvint li caterer ta’ esperjenza u t’isem bhal ma hu Cordina ma kienx jisthoqqlu li jigi ccekkjat. Kienu gew assigurati li xi haga jirrangaw zgur, u li l-head waiter kellu jitkecca.

F’laqgha ohra li nzammet ghand omm l-gharusa, kien hemm ukoll prezenti certu Cilio, accountant ma’ Cordina. Din id-darba Jair kien urtat. Dakinhar ta’ Cordina kienu offrew li jnaqqsulhom madwar elf u hames mitt Ewro mill-kont, pero’ Clint kien wiegeb li qabel jiddeciedi ried jiehu parir. Fuq parir legali, Clint kien irrifjuta l-offerta.

Fit-tletin ta’ Settembru 2010 a viva voce kkonferma dak li kien qal fl-affidavit tieghu, pero’ ma kienx jaf kemm kien hemm waiters dakinhar. Qal ukoll li l-ikel ma ccekkjahx qabel il-quddiem peress li kien ghadu ma wasalx, u lanqas wara. Ma kienx hu li qassam it-tips lill-waiters.

Xehdet ukoll **Claudia Chetcuti**, oht l-gharus li elenkat diversi nuqqasijiet fil-catering. Tghid li malli waslu fis-sala, ma sabu lil hadd jilqaghhom bil-welcome drink, u li l-ikel beda hiereg xi siegha w nofs wara li waslu. Semmiet li l-mejda tal-ghagin damet hafna ma nfethet u li bosta mistednin kienu avvicinawha w qalulha li l-ikel mhux jasal hdejhom. Qalet li l-platters ta’ mal-wine bar kienu vojta ghal hafna mill-hin, ghalkemm il-ftehim kien li dawn kellhom ikunu mimlijin il-hin kollu. Meta wasal il-hin ghal Chocolate Fountain, tghid li ma kienx hemm frott bizzejjed, marret tkellem lil head waiter u ftit wara wasal ftit frott, izda zgur mhux kemm ordnat. Waqt il-qsim tal-kejk, ma kienx hemm xampanja fuq il-mejda, u ngabet wara.

Tghid li hi personalment cemplet lil Jair Cordina u dan ammetta maghha li t-tieg ma harigx kif suppost kellu jkun, u li ma setax jifhem x'kien gara, tant li kien lest itihom kumpens u "jekk iridu naghmlilhom party iehor". Tghid li kkonfermalha li anke hu kien sema' n-nies igergru w ghalkemm ipprova jirranga s-sitwazzjoni kien tard wisq. Qal li kien se jkecci lil head waiter. Ix-xhud tghid li ghandha nformazzjoni li Gejtu m'ghandux ir-rwol ta' head waiter u allura m'ghandux l-esperjenza necessarja. Tghid li ta' Cordina kienu ammettew maghhom li s-servizz ma kienx tajjeb, pero' donnhom qed iwahhlu fl-ammont ta' mistednin, ghalkemm hi taf li ma kienx hemm iktar minn tliet mija w tmenin persuna fis-sala.

Rat ukoll l-affidavit ta' **Pamela Saliba**, mistiedna fit-tieg li qalet li kienet disappuntata bis-servizz ta' Cordina Caterers li mill-bidu nett kien jidher hazin hafna, u li bejn item u iehor bdew jghaddu iktar minn siegha w nofs. Tghid li kienet sorpriza b'dan peress li kienet taf li l-gharajjes kienu ordnat l-ikbar menu, w li riedu jzidu l-ikel izda ta' Cordina qalulhom li ma kienx hemm bzonn. Tghid li hi u l-gharus taghha ghamlu xi saghtejn ma jieklu xejn u ghalhekk biddlu l-post fis-sala, izda ghalxejn, tant li biex jieklu xi haga spiccaw marru huma fuq il-waiter. Innutaw li dan ma garax lilhom biss. Semghet bosta nies igergru, pero' tghid li aktar ma ghadda l-hin bdiet tinnota li mhux ikel ma kienx hemm bizzejjed, izda l-caterers ma kinux qed iqassmuh. Tghid li rat lill-omm Vanessa tghajjat mal-waiters biex johorgu l-ikel ghax kienu qed ihassrulhom it-tieg, u l-gharajjes flok kienu kuntenti kienu nkwetati minhabba f'dan. Ikkummentat li l-wine bar kien sprovist mill-ikel ghall-maggor parti tat-tieg. Tghid li anke mal-bars is-servizz ma kienx tajjeb, u li l-mistednin kienu qed iferrghu id-drinks huma. Tghid li l-mejda tal-ghagin infethet fil-hamsa w nofs, u fl-istess hin beda jitqassam ikel shun, li normalment ikun ga tqassam, kif ukoll is-sorbet li suppost jitqassam qabel l-ikel shun. Sostniet li l-gharajjes kienu nkwetati ghaliex il-caterers tawlulhom it-tieg kontra l-volonta' taghhom u bla bzonn, u ftit nies baqghu sakemm inqasam il-kejk. Sinjal iehor ta' servizz

hazin ratu fit-tqassim tax-xampanja li minflok inghatat lill-gharajjes u l-genituri l-ewwel, tqassmet lill-mistednin.

Spjegat kif l-ghda tat-tieg waqt li hi u l-gharus taghha kienu ghaddejjin il-Belt, ircevew telefonata minghand Clint u Vanessa li kienu ghand Cordina jiddiskutu dak li gara fit-tieg, u staqsewhom jekk ridux ikunu prezenti. Huma kienu taw l-impressjoni taghhom tat-tieg u ddiskrivew dak li raw. Tghid li dak il-hin uriet is-sorpriza taghha ghall-fatt li waqt it-tieg lanqas biss kienet indunat li hemm il-gelat ghalkemm l-gharajjes qalulha li wara t-tieg kien fadal hafna.

Sostniet li s-Sur Cordina kien serrah ras kulhadd li kienu se jirrangaw. Ikkummentat li l-ikel kien tajjeb izda s-servizz kien hazin. Fl-ahhar qalet li xi zmien wara kienet mistiedna tieg iehor fl-istess post u bl-istess caterers, u hemm rat li l-persuna li kienet ‘head waiter’ fit-tieg ta’ Clint u Vanessa tahdem bhala barman.

L-gharus taghha **Jonathan Cassar** ikkonferma dan kollu fl-affidavit tieghu a fol. 83, u zied li johssu vera dizappuntat bil-kwalita’ ta’ servizz li taw il-haddiema kollha dakinhar u li dan ma jaghmilx gid lir-reputazzjoni tal-catering.

Xehed ukoll **Maurizio Agius** li stqarr li f’tieg li dam iktar minn seba’ sieghat, wiehed jippretendi li jsir ammont sostanzjali t’ikel, izda dan ma kienx il-kaz. Jghid li hu ghandu esperjenza ta’ hames snin fl-industrija ta’ Outside Catering, fosthom ma’ Island Caterers, u b’certezza jista’ jghid li l-impjegati dakinhar ma kellhom l-ebda esperjenza tad-dmirijiet dovuta f’tieg. Fost l-ohrajn jghid li dawn lanqas kienu jafu jwiegbu f’hiex kien jikkonsisti l-ikel li kienu qed iqassmu. Fl-opinjoni tieghu min kien inkarigat bhala head waiter, ma kellux l-esperjenza necessarja ghal dan ix-xoghol, u allura l-ikel ma tqassamx kif suppost. Ikkonferma li hafna nies bdew igergru dwar dan. Ikkummenta li barra li l-wine bar thalla bla ikel, beda jithalla wkoll ghal hafna hin wahdu.

Semma li f'tieg iehor kienu raw lil Gejtu, l-head waiter, jahdem bhala bar man , u kif skoprew li dan jitpogga bhala head waiter meta ta' Cordina ma jkollux bizzejjed head waiters ghat-tigijiet li jkollu, w dan minghajr il-kunsens tal-gharajjes.

**Christabelle Gauci** tghid li dakinhar kienet mistiedna fit-tieg u wara ftit tal-hin li waslu hemm innutat li ma bediex gej ikel u li bdiet tisma' t-tgergir. Marret tkellem lill-head waiter izda tghid li dan kien arroganti w hadha bl-herra. Tghid li l-mejda tal-ghagin ittardjat biex infethet u li meta nfethet kien hemm kju kbir. B'konsegwenza ta' dan id-dewmien, kollox ittardja u t-tieg twal hafna tant li n-nies bdew jitilqu qabel inqasam il-kejk. Temm billi qal li t-tieg ta' siehbu thassar minhabba s-servizz hazin.

**Michelle Camilleri**, fl-affidavit taghha a fol. 87 et seq., qalet li bhala kollega ta' Clint kienet taf lid an kien haseb ghal hafna ikel zejjed ghax hu w Vanessa kienu jemmnu li ahjar ikun hemm hela milli jkun hemm in-nieqes, u kien jghidilha li jekk ha jaghmel xi haga jaghmilha sew mill-ewwel. Tghid li meta waslu t-tieg ghall-ewwel kien jidher kollox sew, izda meta beda ghaddej il-hin bdiet tissuspetta li Cordina Caterers kellhom xi problemi, peress li beda jghaddi hafna hin bejn item u iehor, u dak li jitqassam ma jitqassamx ma' kullimkien. Tghid li l-haddiema kollha kienu jidhru mimlija tensjoni. Tikkummenta li meta nfethet il-mejda tal-ghagin, barra li kien tard hafna, lanqas kien hemm bizzejjed ghal kulhadd. Hija telqet mit-tieg xi sebgha w kwart u sa dak il-hin kienu ghadu ma tqassamx helu.

L-istess jghidu l-gharus taghha **Peter Paul Camilleri** a fol. 90.

A fol. 91 tixhed **Edwidge Micallef Ghigo** li tghid li hi wkoll kienet mistiedna f'dan it-tieg u li kien hemm nuqqas kbir ta' ikel, tant li xi hbieb taghha telqu mit-tieg biex imorru jieklu x'imkien. Ilmentat ukoll mill-indafa tat-tazzi, u li rat impjegat iross il-lemon sorbet fit-tazzi b'idejh, tant li halla l-forma ta' subghajh. Ilmentat ukoll li mbaghad xil-hamsa ta' wara nofsinhar beda hiereg ikel differenti kollu f'daqqa,

pero' dan ma kienx misjur sew, u kien hemm ikel li minn barra kien shun u minn gewwa baqa' kiesah.

Dawn it-tip ta' lmenti semmiethom ukoll **Mary Farrugia** fl-affidavit taghha a fol. 92.

**Victor Muscat** fl-affidavit tieghu a fol. 94 jghid li bhala persuna b'esperjenza fil-catering u li hadem anke bhala head waiter, mill-ewwel induna li l-waiters ma kinux esperjenzati f'dan il-qasam u li l-ikel ma bediex jitqassam sew. Jghid li meta marru d-dar, martu kellha ssajjar tant kemm kellhom guh. Isostni li qatt ma stenna dan it-tip ta' servizz minn Cordina Outside Catering.

Rat li l-kawza giet trattata fis-seduta tat-tlettax t'Ottubru, 2010.

Rat in-noti ta' referenzi pprezentati mill-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-attur qed jirriklama somma flus minghand il-konvenuti rapprezentatnti din is-somma bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta' servizz ta' Catering moghti lilhom ghat-tieg taghhom. Il-konvenuti qed jichdu li jhallsu dan il-bilanc ghaliex isostnu li s-servizz tant kien hazin li in effetti l-attur ma segwiex l-obbligazzjonijiet tieghu.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bla dubbju li kien hemm problemi kbar dwar is-servizz li gie moghti lill-konvenuti in konnessjoni mar-riceviment tat-tieg taghhom li sehh nhar is-7 ta' Gunju 2009. Jirrizulta mill-provi li l-problemi kienu hemm mill-bidu nett, u cioe' meta l-ikel wasal fis-sala tard tant li l-best man lanqas seta' jiccekja jekk dak ordnat giex kollu konsenjat.

Jirrizulta aktar tard li waqt it-tieg kien hemm hafna tgergir tant li n-nies bdew jilmentaw li ma kienx hemm ikel u dan waqt it-tiegi stess, kif sahansitra anke jikkonfema l-head waiter Gejtu Mallia. Tant kienet serja s-sitwazzjoni li Jahir Cordina mar fuq is-sit dakinhar waqt li kien hemm ir-

riceviment ghaddej u ordna li jingieb ikel minn tieg iehor li kien ghaddej u sahansitra anke ha zewg waiter minn tieg iehor u hadhon fuq il-post. Dan zgur ma jirriflettix serjeta' fl-operat tal-atturi.

Skond il-konvenuti huma lmentaw kemm dwar il-kwantita' tal-ikel li kien ftit hafna ghall-ammont ta' mistiedna li kellhom, kif ukoll dwar is-servizz u cioe' n-numru ta' waiters li kien hemm. Is-socjeta' attrici tghid li in effetti dan ma kienx tort taghhom izda tort tal-konvenuti li stiednu hafna aktar nies milli ordnaw ikel ghalihom. Mistoqsija mill-Qorti jekk huma hadux head count tan-nies li kien hemm, jghidu li ma hadux izda jikkonfermaw li mill-esperjenza li kellhom ikkalkulaw f'hin minnhom li kien hemm aktar minn hames mitt persuna u f'hin iehor jghidu li kien hemm kwazi hames mija u f'hin minnhom jghidu li kien hemm inqas minn hames mitt ruh.

Il-konvenuti min-naha taghhom esebew il-lista tal-mistiedna taghhom li tikkombacja mal-ordni li ghamlu, u cioe' li kellu jkun hemm bizzejjed ikel ghal erba' mitt ruh.

Jinghad pero' li ikel bizzejjed ma kienx hemm, u lanqas servizz ma kien hemm, u dan ghaliex kif jghid Gejtu Mallia stess li meta l-waiters kienu qed johorgu bl-ikel il-mistiedna bdew jahtfu l-ikel u l-waiters minnufih jidhlu lura fil-kcina bit-trays vojta.

Illi wara li sehh dan it-tieg il-konevnuti marru jkellmu lid-dirigenti tas-socjeta' attrici w dawn qablu maghhom li kien hemm diversi problemi w kienu lesti li jghatuhom skont t'ghaxra jew hmistax fil-mija, pero' l-konvenuti ma kinux lesti li jaccettaw dan l-iskont. Jirrizulta wkoll li s-socjeta' attrici anke kienet lesta li tipprovdikhom festin iehor bhala kumpens.

Hija hasra li festa bhal din tigi mhassra minhabba nuqqasijiet f'min kien inkarigat mill-catering, u dan ghaliex festa bhala din hija unika u ghandu jkollha memorji sbieh hafna. Haga li zgur f'dan il-kaz mhux ser jigri. Jinghad bla tlaqliq li l-organizzazzjoni ta' dan ir-riceviment kien wiehed fjakk hafna.

Il-Qorti hawnhekk taghmel refernza ghal dak li ntqal mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza kwotata mid-difiza fl-ismijiet **Robert Arrigo pro et noe vs Emmanuel Agius** deciza nhar is-16 ta' Jannar 1996 dwar il-hsieb li jkun hemm wara riceviment u cioe li " *l-Qorti hija tal-fehma li l-hsieb wara riceviment ta' tieg hu li l-gharajjes u l-familji taghhom jifirhu mal-mistidnin f'dak il-jum uniku w specjali. L-ikel u xorb huma haga importanti izda mhux il-haga ewlenija. L-Gharajes ma jridux lill-mistednin biss biex jitimghuhom u jsiquhom izda biex jifirhu maghhom*."

Issa flok ma ferhu fil-kaz ta' lum l-gharajjes hadu kedda w dan ghaliex min kien inkarigat mill-catering ma harighomx ta' nies. L-atturi bl-agir taghhom tellfu l-iskop li ghalih kien destinat ir-riceviment.

Din il-Qorti pero' ma taqbilx ma' dak li gie deciz f'din l-istess sentenza fuq imsemmija, u cioe' li ghandha tichad it-talba fit-totalita' taghha, izda hija tal-fehma, kif in effetti ddecidiet fis-sentenza taghha stess moghtija nhar is-16 ta' Settembru 2009 fl-ismijiet **Dragonara Resort Limited vs Stephanie Vella** u cioe' li ghandha tirriduci l-ammont mitlub.

Ghaldaqstant l-Qorti rat li l-bilanc illum dovut huwa dak imsemmi fl-avviz u cioe l-ammont ta' sebat elef hamest mija w sebgha w tletin Ewro w erbgha w hamsin centezmu (€7537.54), u dan ghaliex il-konvenuti kienu diga' hallsu s-somma ta' elf mija w erbgha w sittin Ewro w disgha w sittin centezmu (€1164.69).

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tirriduci t-talba pretiza mis-socjeta' attrici, w ghalhekk qed tikkundanna lill-konvenuti jhalsu lis-socjeta' attrici s-somma ridotta ta' tlett elef Euro (€3000), liema somma l-Qorti waslet ghaliha *arbitrio boni viri*.**

**L-ipejjez ta’ din il-kawza Jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------